MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 137/2007

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**Vs**

**Clifton Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-16 ta’ Frar 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u disgha u tmenin Liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm189.75), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disgha u tmenin Liri Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm189.75), bl-interessi u bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-Avviz, li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------